# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Legislatura

Laqgħa Numru 11/2019

22 ta' Lulju, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Janice Azzopardi | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Francis Callus kien ċempel illi ma kienx jista' jitlaq mix-xogħol u li jekk jilħaq jattendi aktar tard.

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla attendew għal meeting mal-Perit David Vassallo rigward Triq l-Iskola u Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi Triq l-Iskola kienet ser tinqala' mill-ġdid u li kienu ser jipruvaw li l-ilma jibqa' nieżel għal triq il-Kuċċard b'xi tipi ta' culverts. Is-Sindku qal li x-xogħol kellu jibda wara l-festa.

Rigward in-nar tal-art is-Sindku qal illi ser isir meeting fuq il-post (Triq il-Kuċċard) minħabba issues ta' sigurta'. Hawn il-Kunsill iddiskuta x-xogħolijiet li qiegħdin isiru fi Triq il-kuċċard.

11.3.2 Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kienu ltaqgħu mal-Kuntrattur tal-knis. Waqt din il-laqgħa s-Sindku qal li kienu qajmu xi problemi li qiegħdin niffaċjaw u li kienu ddisinjaw kif għandu jgħaddi l-kennies. Il-Kunsill qabel illi mil-lum il-quddiem għandna ninfurzaw il-kuntratt.

11.3.3 Is-Sindku qal illi konna rċievejna komunikat rigward in-night shelter. Huwa qal li jidher li għadhom għaddejin id-diskussjonijiet fuq u l-proġett għadu miexi.

11.3.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien reġa' rċieva konferma għal Town Twinning ieħor ġewwa l-Muniċiju ta' Gaggi, Sqallija bit-tema *Sharing our Common Heritage*. Is-Sindku ta d-dettalji ta' dan il-proġett u stieden lil Kunsilliera sabiex jattendu. Il-Kunsill qabel illi għandna nattendu għal dan il-proġett.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Janice Azzopardi ġiet skużata 5.48pm

11.3.5 Is-Sindku qal illi rigward il-proġett li għalih attenda s-Sur Alfred Curmi kien imiss konferenza oħra din id-darba l-Ungerija li għalih kienu mistednin żewġ persuni.Is-Sindku qal li wara din il-konferenza ser ikun imiss li nospitawhom aħna u ta d-dettalji tal-proġett lil Kunsill u ukoll staqsa jekk kienx hemm min hu nteressat li jattendi.

11.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sinj Antonella Chouhal sabiex fl-1 ta' Diċembru ssir 5k race b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku qal illi xtaq li din it-tellieqa tibqa' ssir Ħal Safi . Il-Kunsill qabel mal-kollaborazzjoni u qabel illi għandna nkopru l-ispejjeż sa massimu ta' €200.

11.3.7 Is-Sindku qal illi kien rċieva talba mingħand is-Sur Brian Bugeja li għandu l-iskola tal-Engineering sabiex iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni tal-istudenti f'Ottubru li ġej ssir fis-Sala Pietru Pawl Busuttil. Il-Kunsill qabel

11.3.8 Is-Sindku qal illi konna rċievejna stedina sabiex ningħaqdu fuq proġett tal-Erasmus+ fejn ser jingħaqdu 18-il partner bil-ħsieb li jmorru jżuru 10 pajjiżi. Is-Sindku qal illi jekk jintrebaħ dan il-proġett il-Kunsill ser ikollu ċ-ċans li jibgħat mal-40 żagħżugħ u għalhekk tajjeb li nibdew nipruvaw nsibu ż-żagħżagħ sabiex jipparteċipaw.

11.3.9 Is-Sindku qal illi kellu talba għal mera l-Area ta' Gawhar int u taqbeż il-boreħole (wieħed li għandu x-xatba mdaħħla l-ġewwa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-mera.

11.3.10 Is-Sindku qal li dik il-ġimgħa kienet inqelgħet problema ta' parkeġġ ħażin fi Triq l-Iskola (l-parti li tagħti għal Triq in-Nassaba). Pero' s-Sindku qal li f'din it-triq ma kienx hemm x'jindika li ma jistax isir parkjar.Huwa ssuġerixxa li għandhom isiru double yellow lines it-triq kollha sabiex ikun hemm aktar indikazzjoni li ma jistax isir parkjar u li bihom ikun hemm id-dritt ta' Enforcement. Il-Kunsill qabel pero' qabel isiru l-linji l-Kunsill qabel li għandha ssir konsultazzjoni mal-kunsillier li ma kinux preżenti.

11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kellu bżonn ta' Modem ieħor għaliex il-Kunsill kien ġie overloaded. Hija qalet illi kienet ġabet kwotazzjoni u l-ispiża ser tkun ta' €59 fix-xaħar. Il-Kunsill qabel.

11.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċeviet talba mingħand l-iskrivana sabiex minn full time bir-Reduced hours titla full time. Il-Kunsill qabel.

11.4.3 Is-Segretarju preżentat kwotazzjoni sabiex isir il-Fuljett tal-Kunsill għal prezz ta' 1135 5% vat excluż. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

11.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsill fuq is-suġġeriment ta' tifkira li l-Kunsill kien rċieva għall-qatt minsi Redent Cachia. Il-Kunsill qabel illi dan is-suġġeriment aktar jista' jiġi ndirizzat mill-parroċċa.

11.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jerġgħu jsiru l-lezzjoni tas-Science Club nhar ta' Tlieta. Il-Kunsill qabel.

11.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv rringrazzjat lis-Sindku u l-Kunsilliera Joanna Abdilla bis-suġġerimenti għall-Iskema tal-librerija pero' qalet illi fil-fehma tagħha t-tnejn kienu

joħolqu ħmieġ (bit-tafal) u l-librerija tagħna kienet limitata. Hija spjegat bis-suġġerimenti tagħha rigward Librerija favur l-Awtiżmu. Il-Kunsill qabel.

11.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinj. Joanna Abdilla staqsiet konniex mexxejna bl-applikazzjoni tad-dawl fl-Area ta' Gawhar. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi l-Kunsill kien bagħat l-Applikazzjoni tal-STL għal din il-bozza.

11.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla tat id-dettalji tal-attivitajiet li kienet ser torganizza fosthom: attivitajiet rigward tfulija attiva, splash and Fun u Cannoeing.

11.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-isfel minn Ġnien ta' Ball kien hemm ħafna ħaxix ħażin. Is-Sindku kkonferma illi l-ħaddiem kienu diġa' bdew ineħħuh.

11.4.10 Il-Kunsilliera staqsew u ddiskutew xi korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva.

11.5 Tender Steel Works Ġnien Sir Alexander Ball

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil Evaluating Committee illi kien jinħtieġ li nissetjaw ġurnata sabiex inkunu nistgħu nevalwaw il-Kuntratt tal-Steel Works għal Ġnien ta' Ball. Hija qalet illi għal dan il-kuntratt kienu ntefgħu żewġ offerti wieħed bl-ammont ta' €22,152 u l-ieħor bl-ammont ta' €34,488. Il-Kunsill iddiskuta x-xogħolijiet li kellhom isiru fuq dan il-proġett u l-Kunsill qabel illi għandna nintaqgħu mal-Perit sabiex kulħadd ikollu idea ċara kif ser jiġi l-proġett finali.

11.6 Tender *Embellishment* Ġnien Sir Alexander Ball

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-uniku offerta li ntefgħet sabiex isir l-*Embellishment* fi Ġnien Sir Alexander Ball kien għoli eseġerat. Hija qalet illi kienet iċċekjat mal-ARPA jekk il-Kunsill jistax jagħmel użu mill-Kuntratt li l-Kunsill għandu tat-toroq u bankini għaliex dawn ix-xogħolijiet faċilment jista' jagħmilhom huwa. Hija qalet illi kellha konferma li la ma hemm l-ebda klawsola fil-kuntratt li l-kuntrattur ma jistax jagħmel xogħolijiet bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja allura l-Kunsill jista' jagħmel użu mill-kuntrattur li għandna. Il-Kunsill iddiskuta dan u kien hemm qbil unanimu li x-xogħolijiet tal-Embellishemnt fi Ġnien Sir Alexander Ball jagħmilhom il-kuntrattur li għandna tat-toroq u bankini.

11.7 Festa

11.7.1 Is-Sindku qal illi bħal snin oħra l-għeluq tat-toroq għal żmien il-festa din is-sena ser ikun bejn il-15 u 26 ta' Awwissu. Is-Sindku qal illi rigward in-nar tal-art kien ser ikollu

laqgħa ma infrastructure malta sabiex naraw jistax isir fi Triq il-Kuċċard. Il-Kunsill iddiskuta l-Festa u qabel illi għandna nagħmlu kollox bħas-sena l-oħra bid-differenza li nżidu l-floodlights għal meta jsir in-nar tal-art.

11.8 European Mobility Week

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din is-sena l-attivitajiet għal European Mobility Week ser isiru bejn is-16 – 22 ta' Settembru 2019. Is-Segretarju qalet illi tissuġerixxi illi norganizzaw il-Car Free Day u xi attivitajiet. Il-Kunsill iddiskuta l-programm ta' kif il-Kunsill għandu japlika għal din l-inizjattiva.

11.9 Clean Up the World

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għaddiet l-informazzjoni rigward din l-inizjattiva. Hija qalet lil Kunsill illi l-Kunsill kellu jidentifika l-postijiet fejn aħna konna ser nnaddfu basta jkun f'postijiet aċċessibbli għall-Pubbliku. Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw sabiex innaddfu Triq Ħlantun, Triq San Anton u Triq it-Torri ta' Gawhar.

11.10 Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja

11.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva inizjattiva sabiex isiru l korsijietta' Tagħlim tul-Ħajja fil-Kunsilli. Hija qalet illi l-applikazzjon kienet tagħlaq nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 2019. Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw għal din l-inizjattiva.

11.11 Skema CIES

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu kien jagħlaq il-Kuntratt tal-impjegat li kellna mill-Iskema tas-CIES. Il-Segretarju Eżekuttiv qalet illi jekk l-kuntratt jiġġedded għal sena oħra l-kuntratt jaqa' indefenit. Il-Kunsill iddiskuta l-Kuntratt ta' dan l-impjegat u qabel unanimament illi l-Kunsill m'għandux jġedded dan il-Kuntratt.

11.12 Skema Sebbaħ il-Lokal

Is-Sindku qal illi s-sena l-oħra konna rċievejna illi l-Kunsill żgħar ser ikollhom fond ta' 50,000 biex isiru proġett ta' tisbiħ mingħand l-Planning Development Fund. Huwa qal illi dan il-fondi rridu nużawhom fi żmien sentejn. Is-Sindku ssuġerixxa illi b'dawn il-fondi nirranġaw il-roundabout li għandna int u dieħel Ħal Safi u forsi jekk jippermettu l-fondi nkunu nistgħu nirranġaw it-syntetic terf u l-fence li għandna fil-grawnd. Wara li saret diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament.

11.13 Skema ta' Restawr għall-Kunsill Lokali 2019

Is-Sindku qal illi għalkemm sentejn ilu ħadna għar-restawr taċ-Ċentru Parrokjali, issa l-klawsoli illi trid tistenna tliet snin sabiex terġa taplika tneħħiet u ssuġerixxa illi l-Kunsill għandu japlika sabiex isir ir-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija. Il-Kunsill iddiskuta u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssuġerixxa sabiex naplikaw għal kapella li hemm fiċ-ċimiterju. Il-Kunsill qabel illi l-ideal naraw mal-kappillan liema huwa l-aktar priorita'

11.14 Traffic Management Study

Is-Sindku qal illi l-idea illi jinħoloq kumitat sabiex naraw fejn jinsabu l-problema tat-traffiku fir-raħal. Huwa qal min hu nteressat jista' jingħaqad f'dan il-kumitat, u mportanti li ninvolvu n-nies tal-lokal. Is-Sindku qal illi l-ewwel għandna nfasslu pjan imbagħad wara nqabdu espert sabiex jiġi ddisinjat u wara nkunu nistgħu ngħadduh lil *Transport Malta.*

11.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

11.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-9:00pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu, 2019 fit-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv